III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 66/2016

tad-29 ta' April 2016

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2017/2017]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Direttiva 2013/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/518/UE tal-21 ta' Ottubru 2013 li temenda Parti 1 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE dwar il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-annimali minn azjendi ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 31/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jirrevoka d-Deċiżjonijiet 2004/301/KE u 2004/539/KE u r-Regolament (UE) Nru 388/2010 ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li hu inkorporat fil-Ftehim ŻEE, u li konsegwentement għandu jitħassar mill-Ftehim ŻEE.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 577/2013 jirrevokaid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/803/KE ([7]), 2004/839/KE ([8]) u 2005/91/KE ([9]), li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentament għandhom jiġu revokati mill-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109.
([3]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 107.
([4]) ĠU L 281, 23.10.2013, p. 14.
([5]) ĠU L 10, 15.1.2014, p. 9.
([6]) ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
([7]) ĠU L 312, 27.11.2003, p. 1.
([8]) ĠU L 361, 8.12.2004, p. 40.
([9]) ĠU L 31, 4.2.2005, p. 61.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 31/2014 iħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/301/KE [1] u 2004/539/KE [2] u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010 [3], li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jiġu mħassra mill-Ftehim ŻEE.

(9) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam ma' annimali ħajjin li ma humiex ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu 1 tal-Anness 1 tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.

(10) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. B'hekk, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(11) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 10 (ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1 jinbidel b'dan li ġej:

"**32013 R 0576**: Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) In-Norveġja m'għandux jitqies bħala pajjiż terz.

(b) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 8(1):

Applikazzjonijiet konġunti inklużi n-Norveġja għandhom jitressqu quddiem il-Kummissjoni b'kopja lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA qabel ma tieħu deċiżjonijiet skont dan l-Artikolu fir-rigward tan-Norveġja.

(c) Id-data "29 ta' Diċembru 2014" fl-Artikoli 44(1)(b), 44(2)(b), fir-rigward tan-Norveġja tkun id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tinkorpora r-Regolament fil-Ftehim.

Dan l-att ma għandux japplika għall-Iżlanda."

2. Li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 10 (ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1:

"10a. **32013 R 0577**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r- rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) in-Norveġja ma għandhiex titqies bħala pajjiż terz.

(b) Il-kliem "Unjoni Ewropea" fuq il-qoxra tal-mudell tal-passaport fil-Parti 1 tal-Anness III għandhom jiġu sostitwiti bil-kelmiet "Unjoni Ewropea/Norveġja".

(c) L-immaġni tal-bandiera Norveġiża tista' tintuża fuq il-qoxra tal-passaport barra bandiera tal-UE.

Dan l-att ma għandux japplika għall-Iżlanda."

[1] ĠU L 98, 2.4.2004, p. 55.
[2] ĠU L 237, 8.7.2004, p. 21.
[3] ĠU L 114, 7.5.2010, p. 3.

3. L-inċiżi segwenti jiżdiedu fil-punti 9 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 4.1 u 15 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE) fil-Parti 8.1:

"— **32013 L 0031**: Id-Direttiva 2013/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 107),

— **32013 D 0518**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/518/UE tal-21 ta' Ottubru 2013 (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 14)."

4. It-test tal-punti 121 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/803/KE), 122 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/301/KE), 125 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/839/KE), 126 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/91/KE) u 147 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 388/2010) fil-Parti 1.2 għandhom jitħassru.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, id-Direttiva 2013/31/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/518/UE u r-Regolament (UE) Nru 31/2014 fil-lingwa Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Claude MAERTEN

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.